## Il-Mużika fil-Festa Maltija (VIII):

# Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni [it-tieni parti]



**Mro Manoel Pirotta**

DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]

Fl-ewwel parti tal-artiklu bdejna nittrattaw il-Marċ tal-Inkoronazzjoni li bħalu nsibu eżempji fir-repertorju klassiku ta' wħud mill-aqwa kompożituri barranin, iżda ftit li xejn ta' surmastrijiet Maltin fejn tidħol il-banda.

Dit-tieni parti se nibdewha billi nagħtu ħarsa lejn is-sehem li taw il-baned ewlenin Maltin fil-festi li saru f'pajjiżna f'ġieħ l-inkoronazzjoni tad-duka ta' Edinburgu, il-prinċep Philip u r-reġina Eliżabetta II, fit-2 ta' Ġunju 1953 u matul il-ħamest ijiem tal-qagħda tagħhom f'Malta fil-bidu ta' Mejju s-sena ta' wara.

L-artiklu jkompli bix-xogħlijiet ta' German – għall-inkoronazzjoni tar-re Ġorġ V; ta' Bax – għall-inkoronazzjoni tar-re Ġorġ VI u r-reġina Eliżabetta; it-tnejn ta' Walton, *Crown Imperial* u *Orb and Sceptre*, u r-*Royal Mile* ta' Thorpe Davie.



Il-Kor tal-Ħamrun

Fil-ktieb ta' Robert Mifsud Bonnici (RMB)[1] insibu li f'Malta wkoll kienu saru ċerimonji f'ġieħ l-inkoronazzjoni tal-koppja rjali: 'Malta ferħet, għamlet għors ta' ġimagħtejn, iżda l-akbar ġrajja tal-festi saret fit-2 ta' Ġunju, 1953, waranofsinhar, meta 31[2] banda bl-istendardi u bandalori għamlet sfilata mill-Furjana sal-pjazza tal-Palazz, iddoqq marċijiet brijużi quddiem karrijiet dekorati u rappreżentattivi. Fil-pjazza, ilkoll flimkien daqqew għal tliet darbiet l-Innu Malti u l-Innu Ingliż taħt id-direzzjoni ta' Patri Albert Borg (1919-2012), il-*maestro di cappella* tal-Katidral ta' Malta.'

RMB jkompli jgħarrafna li fl-ibliet u fl-irħula kienu twettqu programmi ta' mużika magħżula. Il-Ħadd, 7 ta' Ġunju 1953, il-baned tal-Belt daqqew programmi taħt id-diretturi rispettivi tagħhom.

Daqs sena wara, proprju fit-3 ta' Mejju 1954, il-familja rjali waslet Malta. Dakinhar stess, il-banda *Vilhena* laqgħet lir-reġina fi pjazza Sant'Anna bid-daqq tal-innu rjali u ppreżentathilha bukkett ward f'isem il-poplu Furjaniż. Fi Pjazza Reġina, il-Belt, iż-żewġ baned Beltin, taħt id-direzzjoni ta' Patri Albert Borg, sellmulha bid-daqq tal-*God save the Queen* u ppreżentawlha bukketti fjuri.

Filgħaxija, fl-istess pjazza, il-banda *La Valette* żvolġiet programm ta' mużika magħżula fosthom kompożizzjoni bl-isem ta' *Invocation* ta' Mro Giuseppe Camilleri (1903-76), dedikata lir-reġina, kantata minn kor bl-aħjar vuċijiet Maltin. Il-bċejjeċ vokali tkantaw mill-bniet tar-*Royal Naval School* tal-iskola sekondarja tal-Belt u oħrajn tal-kor tal-iskola Ħamruniża.

Fil-Ħamrun ukoll, ir-reġina ġiet milqugħa bid-daqq tal-innu Ingliż miż-żewġ baned Ħamruniżi fi pjazza San Pawl u quddiem id-dar tal-Kappillan Cordina Perez (1899-1956), fejn ippreżentawlha tliet bukketti fjuri. F'Birkirkara u f'Ħal Balzan, hija ngħatat bukkett fjuri u d-daqq tal-*God save the Queen* mill-baned rispettivi. L-istess għamlu ż-żewġ baned Żebbuġin u dawk Qriema, bħalma għamlu wkoll il-banda Misidjana u dik Mostija.

It-Tlieta, 4 ta' Mejju, il-banda *King's Own* wettqet programm ta' mużika klassika, fosthom xogħol ta' Mro Joseph Casapinta (1897-1971), *Ode of Greeting*, f'ġieħ il-koppja rjali, li kkonsista f'kunċert għall-pjanu, solijiet u kor. Il-versi bl-Ingliż kienu ta' Ġużè Aquilina, maqlubin għall-Malti mill-poeta Ġużè Chetcuti.

L-Erbgħa filgħaxija, 5 ta' Mejju, kellu jittella' programm mill-banda nazzjonali ta' Malta, organizzat mill-MBCA, iżda li tħassar minħabba l-maltemp. L-għada l-Ħamis, 6 ta' Mejju, il-banda Żebbuġija *De Rohan* tat programm fil-pjazza taħt Mro Gerardo Farrugia.

Il-Ġimgħa, imbagħad, 7 ta' Mejju, kien imiss il-baned Għawdxin biex jilqgħu ż-żjara rjali bid-daqq ta' marċijiet u programmi, u preżentazzjoni ta' bukketti. Il-baned tal-Kottonera sellmu lir-Reġina fil-wasla u fit-tluq tagħha minn Malta. Il-banda Żabbarija 'San Mikiel' kienet l-ewwel banda Maltija li qatt dehret fit-televiżjoni u nstemgħet iddoqq għal tul ta' seba' minuti marċ ta' Mro Adeodato Gatt (1898-1966). Il-film, li kien iġib l-isem ta' *Life in Malta*, inħadem waqt iż-żjara tal-familja rjali f'Malta.



Sir Edward German



Sir Arnold Edward Trevor Bax



William Walton



Cedric Thorpe Davie

Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni u innu: Ix-xogħol ta' Sir Edward German (1862-1936), mużikant ta' nisel Ċeltiku, sar fuq stedina għaċ-ċerimonji tal-Inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ V (1865-1936) tal-Ingilterra u r-Reġina Marija. Kemm il-marċ, kif ukoll l-innu *Veni Creator Spiritus* li jiġi warajh, parti minnhom ħadhom mill-mużika inċidentali tiegħu stess għad-dramm fuq Neriku VIII,

ikompli f'paġna 26



'The Royal Mile'

1 Mifsud Bonnici, Robert: 'Ġrajja tal-Mużika f'Malta u Għawdex (Dokumenti u Kummenti)', Malta Giov. Muscat 1954.

2 Fil-ktieb tiegħu 'Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex (l-ewwel ktieb)', p. 74, RMB jgħid li kienu 33 il-baned li ħadu sehem fl-isfilata.

# Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni

ikompli minn paġna 16

produzzjoni tal-1892 ta' Henry Irving (1838-1905) – attur tal-era Vittorjana u sid il-*West End's Lyceum Theatre*, Londra. Dal-marċ, minbarra li ndaqq, flimkien m'oħrajn, għall-inkoronazzjoni msemmija, ġie esegwit f'numru ta' okkażjonijiet irjali oħrajn: fl-1911, meta Ġorġ u Marija laħqu Imperatur u Imperatriċi tal-Indja, u fl-1937 waqt is-servizz tal-inkoronazzjoni ta' Ġorġ VI tal-Ingilterra għad-dħul tar-Reġina Marija, li sa dak iż-żmien kienet laħqet Reġina Omm.

Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni: Sir Arnold Edward Trevor Bax (1883-1953) huwa kompożitur Ingliż, magħruf l-aktar għax-xogħlijiet orkestrali tiegħu – fosthom serje ta' poemi sinfoniċi u seba' sinfoniji – u għal xi żmien kien magħdud fost l-aqwa sinfonisti Britanniċi. L-imsemmi marċ, iddedikat lill-orkestra sinfonika tal-BBC, kien kitbu fl-okkażjoni tal-inkoronazzjoni tar-re Ġorġ VI u r-reġina Eliżabetta f'Ġunju tal-1953. Iżda dal-marċ ma kienx għalkollox ġdid peress li t-triju ħadu minn xogħol ieħor tiegħu stess tal-1945 bl-isem ta' *Victory March*. Jerġa' dal-marċ kien ħadu mill-mużika għall-film tal-gwerra bl-isem ta' *Malta G.C.* li huwa kiteb f'Settembru tal-1942 u li ntwera għall-ewwel darba f'Londra fit-22 ta' Jannar 1943.

Il-film dokumentattiv, li serva ta' propaganda qawwija fi żmien il-gwerra, kien ikkummissjonat minn Muir Matthieson (1911-75), direttur orkestrali Skoċċiż, u li għalih Bax kien tħallas is-somma ta' ħasmin lira sterlina. Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni tal-1953 kien aktarx l-aħħar xogħol orkestrali tiegħu.

Iż-żewġ Marċi tal-Inkoronazzjoni *Crown Imperial* u *Orb and Sceptre* tal-kompożitur Ingliż William Walton (1902-83): l-ewwel wieħed inkiteb għall-inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ VI (1895-1952) f'Westminster Abbey fl-1937. Fl-1936 il-BBC xtaqet li Walton jiktbilha wieħed fuq l-istil tradizzjonali bħalma nsibu fis-sett ta' marċi *Pomp and Circumstance* ta' Elgar. Iżda ġara li sakemm il-BBC formalment ikkommissjonatu, ir-re Dwardu laħaq abdika u l-inkoronazzjoni li kien imiss kienet dik ta' ħuh Ġorġ VI.

L-istess marċ kien intuża f'okkażjonijiet statali oħrajn li ġew wara, bħalma hija l-inkoronazzjoni tar-reġina Eliżabetta II fl-1953, u aktar riċenti, it-tieġ tal-prinċep William fl-2011. L-ewwel parti tal-marċ hija fuq ruħha, fit-temp mgħaġġel u ritmiku ta' *allegro reale*. It-trio li jiġi wara, f'tonalità differenti, għandu tema wiesgħa fl-istil kantabbli ta' Elgar, bil-korda takkumpanja l-istrumenti tal-injam u l-vjoli fir-reġistru baxx tagħhom. Kemm il-marċ, kif ukoll it-trio, huma replikati, bil-mużika mbagħad tilħaq il-qofol tagħha fit-tielet taqsima.

Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni l-ieħor, *Orb*[3] *and Sceptre*, Walton kitbu għall-inkurunazzjoni tar-reġina Eliżabetta II, biċ-ċerimonja ssir f'Westminster Abbey, fit-2 ta' Ġunju, 1953. Il-marċ jimxi fuq l-istess mudell ta' marċi orkestrali bikrin ta' Elgar u tiegħu stess billi jagħmel użu mis-soltu introduzzjoni lventa, segwita mit-triju b'melodija li tpaxxi l-widna, u bir-ritorn tal-ewwel tema bħala għeluq grandjuż.

Il-*Coronation March, 'Royal Mile' Op.106:* Il-kompożizzjoni hija ta' Cedric Thorpe Davie (1913-1983), mużiċista u kompożitur Skoċċiż li speċjalizza fil-mużika għall-films. Ħafna drabi, fihom, u f'xogħlijiet oħrajn tiegħu f'forma ta' dokumentarju, kien iħobb idaħħal ħafna xi temi Skoċċiżi. Kellu wkoll sehem importanti fit-twaqqif tal-festival ta' Edinburgu fejn bis-saħħa tiegħu ttellgħu għadd ta' xogħlijiet ġodda ta' kompożituri Skoċċiżi. Ix-xogħol tal-1952 li qed nitkellmu fuqu ndaqq għall-ewwel darba f'Dundee mill-orkestra nazzjonali Skoċċiża fit-8 ta' April 1953 u xxandar fuq l-istazzjon tal-BBC bħala parti minn serje speċjali ta' kunċerti tal-inkoronazzjoni. L-istess xogħol orkestrali ndaqq ukoll mill-banda żagħżugħa nazzjonali Skoċċiża fl-iskola sajfija fl-akkademja ta' Kirkcudbright fl-1961.

Ir-Royal Mile tikkonsisti fi grupp ta' triqat wara xulxin li bejniethom jiffurmaw dik ewlenija, miftuħa miż-żewġ naħat biex minnha jgħaddi s-soltu traffiku. Dit-triq, li tinsab fil-parti l-qadima tal-belt ta' Edinburgu, fl-Iskozja, tgħaddi bejn żewġ siti ta' importanza fl-istorja rjali Skoċċiża: il-kastell medjevali ta' Edinburgu u l-palazz Holyrood. Jekk wieħed jieħu t-triqat kollha f'daqqa jsib li tulhom hu ta' kważi mil eżatt. Hija l-aktar triq turistika bieżla li hemm fil-parti l-qadima tar-raħal, u tħabbatha tajjeb ma' Triq Princes li hemm f'dik il-ġdida.

F'Malta wkoll għandna isem jixbah lir-*Royal Mile* – il-Mile End. L-isem kien ingħata lill-ground tal-futbol fil-Blata l-Bajda, mibni fl-1912, flok ieħor li kien hemm qablu. Ismu ħadu mill-fatt li kien jinsab bejn wieħed u ieħor mil 'il bogħod minn swar il-Belt Valletta. Illum il-ġurnata, dal-ground m'għadux jeżisti magħna peress li fuqu nbena l-kunvent tas-St Joseph.

3 Globu mżejjen bil-ġejjelli b'salib fuqu li r-re jew ir-reġina jġorru magħhom bħala parti mill-ilbies ċerimonjali.